**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Shalon Abela**
**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 667/14**

**Illum, 15 ta' April, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Shalon Abela detentur tal-karta tal-identita` numru 220493M u -omissis-

Akkuzati talli waqt li kienu fil-Bajja tal-Ghadira limiti Mellieha, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-

istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ai termini tal-Artikoli 18 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fit-18 ta' Lulju 2014 bejn is-02:00 u s-02:30 ta' wara nofs inhar fil-bajja tal-Ghadira, limiti tal-Mellieha ikkommettew serq ta' zewg mobajls u oggetti ohra ghad-detriment ta' Lara Mizzi detentrici tal-karta tal-identita' numru 190997(M) u Dunstan Vella detentur tal-karta tal-identita' numru 196996(M), liema serq hu kwalifikat bil-valur ta aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ai termini tal-Artikoli 261, 267 u 279 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzati wkoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija xjentement f'Malta laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahhlu biex ibewghhom jew imexxuhom, u cioe' zewg mobajls u oggetti ohra ghad-detriment ta' Lara Mizzi detentrici tal-karta tal-identita' numru 190997(M) u

Dunstan Vella detentur tal-karta tal-identita' numru 196996(M), liema serq hu kwalifikat bil-valur ta aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-14 ta' Lulju 2014 bejn it-03:00 u l-04:00 ta' wara nofs inhar fil-bajja tal-Ghadira, limiti tal-Mellieha ikkommettew serq ta' zewg mobajls u oggetti ohra ghad-detriment ta' Dean Galea detentur tal-karta tal-identita' numru 62797(M) u Michael Micallef detentur tal-karta tal-identita' numru 419599(M), liema serq hu kwalifikat bil-valur ta aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ai termini tal-Artikoli 261, 267 u 279 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligjijet ta' Malta;

Akkuzati wkoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija xjentement f'Malta laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew,

xjentement b'kull mod li jkun, indahhlu biex ibewghhom jew imexxuhom, u cioe' zewg mobajls u oggetti ohra ghad-detriment ta' Dean Galea detentur tal-karta tal-identita' numru 62797(M) u Michael Micallef detentur tal-karta tal-identita' numru 419599(M), liema serq hu kwalifikat bil-valur ta aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fis-07 ta' Lulju 2014 bejn it-03:00 u l-04:00 ta' wara nofs inhar fil-bajja tal-Ghadira, limiti tal-Mellieha ikkommettew serq ta' tlett mobajls u oggetti ohra ghad-detriment ta' Mark Anthony Cachia detentur tal-karta tal-identita' numru 454171(M), Sarah Jane Gauci detentrici tal-karta tal-identita' numru 366999(M) u Felix Le Goffe ta' nazzjonalita' Franciza, liema serq hu kwalifikat bil-valur ta aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ai termini tal-Artikoli 261, 267 u 279 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzati wkoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija xjentement f'Malta laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahhlu biex ibewghhom jew imexxuhom, u cioe' tlett mobajls u oggetti ohra ghad-detriment ta' Mark Anthony Cachia detentur tal-karta tal-identita' numru 454171(M), Sarah Jane Gauci detentrici tal-karta tal-identita' numru 366999(M) u Felix Le Goffe ta' nazzjonalita' Franciza,, liema serq hu kwalifikat bil-valur ta aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

-Omissis-

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli tal-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju datata tlieta (3) ta' Settembru elfejn u erbatax (2014) fejn intalab li tinstab htija taht dawn l-Artikoli u cioe':

1. Fl-artikoli 18, 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 18, 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 18, 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikolu 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ammissjoni libera u nkondizzjonata mill-imputat tal-akkuzi kif dedotti kontrih fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Gunju elfejn u hmistax (2015) u li kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu

tant illi talab li jitqabbad Ufficjal tal-Probation sabiex jithejja *Pre Sentencing Report* ;

Rat ir-rapport tal-Probation Officer Marilyn Attard ipprezentat bil-gurament fis-seduta tal-hdax (11) ta' Jannar elfejn u sittax (2016) illi hejjiet ir-rapport wara l-ammissjoni tal-imputat;

Illi f'dan ir-rapport gie konkluz illi:

*"**Konkluzjonijiet***

- ***Fatturi identifikati***

- *Shalon Abela instab hati talli seraq numru ta' oggetti mill-bajja tal-Ghadira matul 3 ijiem differenti.*
- *Dwar is-serq Shalon jidher limhux qieghed juri livell ta rimors adekwat.*
- *Fil-prezent Shalon qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija. Tul is-sentenza huwa kien inghata l-opportunita' li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni, izda minhabba li ghamel uzu mid-droga waqt il-programm huwa gie sospiz.*

- *Din mhix l-ewwel darba li dahal il-habs u fil-passat kien inghata anke sentenza fil-komunita' izda huwa xorta baqa' jippersisti fil-hajja kriminali.*
- *Mill-informazzjoni migbura jirrizulta li Shalon ghandu problema akuta ta' dipendenza mid-droga, liema problema ghad trid tigi indirizzata. Fil-prezent m'ghandux kuntatt ma' xi agenzija li tghin fir-riabilitazzjoni ghal kontra l-vizzju tad-droga.*
- *Fil-prezent Shalon jinsab f'relazzjoni ma' tfajla u qeghdin jistennew tarbija. Ghaldaqstant huwa jishaq li qieghed ihares 'il quddiem sabiex ikollu futur maghha.*
- *Dwar xoghol Shalon wera li huwa ghandu nuqqas ta' stabblita' u dan ghaliex huwa ma tantx hadem u ma jidirx li ghandu motivazzjoni li jahdem.*

- ***Pjan ta' kura***

*Mill-informazzjoni migbura jirrizulta li Shalon ghandu bzonn jindirrizza l-problema ta' vizzju tad-droga. Billi mhuwiex possibbli li jaghmel programm fi hdan is-Sedqa huwa importanti li jerga' jaghmel kuntatt ma' agenzija ohra. Barra minn hekk, qieghed jinhass li billi Shalon ghad ghandu*

*problema tad-droga huwa ghadu ma rriformax ruhu u b'hekk ghadu mhux lest li jerga' johrog lura fis-socjeta'.*

- ***Rakkomandazzjoni***

*Ghaldaqstant fid-dawl tal-informazzjoni migbura qieghed jigi rakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li Shalon Abela jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva, biex b'hekk ikun jista' jifhem sew li hemm konsegwenzi serji ghal ghemilu. Tul din is-sentenza ta' prigunerija Shalon ikun jista' japplika sabiex jaghmel programm residenzjali ghal kontra l-vizzju tad-droga."*

Rat ukoll l-aggornament tal-*Pre Sentencing Report* fuq talba tad-difiza izda l-Ufficjal tal-Probation baqghet ferma fuq il-konkluzjonijiet taghha minhabba l-fatt illi l-imputat ma weriex l-ebda miljorament mir-rapport precedenti;

Din il-Qorti, tinnota li l-imputat huwa recidiv u ghalhekk jidher illi huwa ma ghandux intenzjoni jbiddel hajtu u ghalhekk tabbraccja pjenament il-konkluzjonijiet tal-Ufficjal tal-Probation u ghalhekk ser tinfliggi piena ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 261(c), 267, 279(a), 289 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qed issib lill-imputat Shalon Abela hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghall-perjodu ta' erbatax (14)-il xahar prigunerija effettivi.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**